MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 369/2006

**G & F Meats Limited**

**Vs**

**C & K Ciappara Poultry Limited u**

**Charles Ciappara Jnr ghal kull interess li jista' jkollu.**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsu in solidum jew min minnhom lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmin mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1856.75), rapprezentanti il-bilanc rimanenti fuq merkanzija lilhom

mibjugha u kkunsenjata mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom, skond 'statement of account', li kopja tieghu qeghda tigi hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dokument 'A'.

Huma minn issa msejhin in subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra taghhom.

Rat ir-risposta ta' C & K Ciappara Poultry Limited u ta' Charles Ciappara (Jnr) fejn eccepew:

Illi in kwantu jirrigwarda s-socjeta' konvenuta, l-ammont minnha mitlub ma hux dovut stante li qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta' G & F Meats Limited. Is-socjeta' konvenuta qatt ma xtrat xoghol minghand G & F Meats Limited u x-xiri li sar kien sar minn Charles Ciappara Jnr (li jigi iben l-azzjonisti fis-socjeta' konvenuta).

Illi in kwantu jirrigwarda l-konvenut Charles Ciappara, irid isir verifika tal-kontijiet stante li ma hemmx qbil dwar l-ammont rikjest, in vista li kienu saru xi pagamenti minn terzi ghan-nom tal-istess konvenut Charles Ciappara Jnr.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-*vexata questio* fil-kawza odjerna huwa jekk is-socjeta attrici bieghetx laham ffrizat fl-4 ta' Novembru 2004 u fit-2 ta' Dicembru 2004 lis-socjeta konvenuta jew lil Charles Ciappara Junior f'ismu proprju. Il-partijiet taw verzjonijiet differenti tal-fatti.

*Verzjoni tas-Socjeta Attrici*

1. Is-socjeta' attrici hadet diversi ordinijiet minn Charles Ciappara Junior u dejjem thallset taghhom.[1]
2. Is-socjeta' attrici ftit qabel id-dati tal-konsenji l-4 ta' Novembru 2004 u tat-2 ta' Dicembru 2004 tkellmet ma' Charles Ciappara Junior fuq it-telefon fejn dan ta' l-ahhar qallu li qed jaghmel l-ordni wara li tkellem ma' missieru, Charles Ciappara Senior, azzjonist tas-socjeta' konvenuta.[2]
3. Rigward il-konsenji ta' l-4 ta' Novembru 2004 u tat-2 ta' Dicembru 2004 gie jigbor il-konsenja ta' laham ffrizat, Charles Ciappara Junior fejn gie bil-vann tas-socjeta' konvenuta u flimkien ma’ impjegat tas-socjeta' konvenuta.[3]
4. Skont l-invoices li nhargu fl-4 ta' Novembru 2004 u fit-2 ta' Dicembru 2004 is-socjeta' attrici bieghet laham iffrizat lil 'Nigma' bin-numru tal-VAT 1140-7917 ghal l-ammont ta' LM 4149.17.[4]
5. L-invoices gew ffirmati minn Charles Ciappara Junior.[5]
6. Charles Ciappara Junior ma hallasx l-ammonti ta' dawn l-invoices u ghalhekk rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta marru jkellmu lil Charles Ciappara Senior, li miet fil-mori tal-kawza.
7. F’din il-laqgha, Charles Ciappara Senior gie muri l-invoices u Charles Ciappara Junior ammetta ma’ missieru li l-firma fuq l-invoices kienet tieghu.[6]
8. Charles Ciappara Senior accetta li jibda jhallas l-ammont ta' LM 4149.17

[1] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 18 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 18 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 18 tal-process.
[4] Ara l-invoices relattivi a fol. 3 u 4 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Andrew Galea a fol. 25 tal-process.
[6] Ara l-affidavit ta' Anthony Galea a fol. 36 tal-process.

9. Fil-11 ta' Frar 2005 Charles Ciappara Senior hallas l-ammont ta' LM 2162.42 permezz ta' konsenja in *spece* ta' laham iffrizat. Din saret fuq invoice li ghandha l-letterhead ta' Hi-Grade Chick, C & K Ciappara Poultry Ltd, Nigma, Triq Misrah is-Sinjura, Qrendi.[7]

10. L-ammont kollu li thallas huwa ta' LM 2292.42.[8]

11. Il-pagamenti ma baqghux jithallsu ghaliex is-socjeta' attrici irrifjutat li tiffirma dokument fis-sens li Charles Ciappara Senior m'ghandux jaqsam mad-dejn.[9]

<u>*Verzjoni konvenuti*</u>

1. Dak iz-zmien Charles Ciappara Junior kellu sittax-il sena u kien delivery man u cioe' johrog max-xufier iqassam ix-xoghol tas-socjeta' konvenuta, mentri l-ordnijiet tax-xiri kienu jsiru minn missieru Charles Ciappara Senior.[10]

2. Charles Ciappara Junior xehed li hu kien jixtri laham ghalih personali, u l-genituri tieghu ma kienux jafu li qed jinnegozja ghal rasu.[11]

3. Charles Ciappara Junior m'gharafx l-invoices ta' l-4 ta' Novembru 2004 u tat-2 ta' Dicembru 2004 u lanqas il-firma fuq l-invoices[12] izda qal li l-laham li kien jixtri minghand is-socjeta' attrici kien dejjem ghalih.[13]

4. Il-genituri ta' Charles Ciappara Junior ma kienux jafu li binhom kien immur jinnegozja f'ismu u sussegwentament kienu skoprew li ghamel id-djun minhabba dawn in-negozjati.[14]

14. Kien Charles Ciappara Junior li hallas l-ammont ta' LM 2162.42 permezz ta' konsenja ta' laham iffrizat, u uza *stationery* tas-socjeta' konvenuta sabiex ikollu prova li hallas. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq izda m'gharafx il-firem l-ohra.[15]

15. Charles Ciappara Senior m'ghamilx tajjeb ghad-dejn ta' ibnu[16] izda, "...kien ihenn ghalih u tah, kien itih xi affarijiet biex isolvi l-problemi lit-tifel."[17]

---

[7] Ara d-dokument mmarkat Dok CF 1 a fol. 81 tal-process.
[8] Ara l-istatement of account mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 19 tal-process.
[10] Ara x-xhieda in ri-ezami ta' Catherine Ciappara a fol. 121 tal-process.
[11] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 102 tal-process.
[12] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 102 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 103 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Catherine Ciappara a fol. 110 tal-process.
[15] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 103 tal-process.
[16] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Catherine Ciappara a fol. 118 tal-process.
[17] Ara x-xhieda in ri-ezami ta' Catherine Ciappara a fol. 120 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ghalkemm il-verzjonijiet tal-kontendenti huma differenti, huma jaqblu li l-persuna li ghamlet l-ordinijiet minghand is-socjeta attrici kienet Charles Ciappara Junior, iben Charles Ciappara Senior li miet fil-mori ta' din il-kawza. Id-direttur Charles Falzon tas-socjeta' attrici jghid illi : « Niftakar li xi zmien ilu, Charles Ciappara Junior, il-konvenut kien cemplilna in rigward xi ordnijiet. Niftakar li ftehmna fuq il-prezzijiet, Charles Ciappara Junior... »[18] Dawn il-fatti huma kkoroborati kemm mill-konvenut Charles Ciappara Junior u kemm minn ommhu, Catherine Ciappara stess. Charles Ciappara Junior fi kliemu stess qal, « Is-socjeta' ta' missieri qatt ma xtrat laham minn G & F Meats. »[19] Izda qal illi, « Jiena kont nixtri xoghol ghalija personali minghandhom u dan kien jikkonsisti f'laham. »[20] Catherine Ciappara xehdet illi b'referenza ghal Charles Ciappara Junior « Sa fejn naf jiena dan qatt ma nnegozja ghal rasu pero kont skoprejt hafna affarijiet fuqu t-tifel. Per ezempju kien jaghmel xi kummerc ghal rasu minn wara dahari u minn wara t'ohrajn. »[21]

Skont ix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici, l-invoices datati 4 ta' Novembru 2014[22] u 2 ta' Dicembru 2014[23] gew iffirrmati minn Charles Ciappara Junior u dan skont Andrew Galea, iben Anthony Galea direttur tas-socejta' attrici,[24] minkejja l-fatt li Charles Ciappara Junior ma gharafx l-invoices relattivi.[25] Izda Charles Ciappara Junior ammetta li huwa kien hallas l-ammont ta' LM 2162.42 f'laham lis-socjeta' attrici u li dan gie kollu miktub fuq invoice tas-socjeta' konvenuta datata 11 ta' Frar 2005[26]. Pero Charles Ciappara Junior spjega li *« ...din il-kumpanija ma kellix x'taqsam u uzajt karti taghha biex ikolli x'nuri. Jiena qieghed naghraf il-firma tieghi fuq in-naha tax-xellug. »*[27]

Fattur iehor li juri bic-car li Charles Ciappara Junior huwa l-persuna li ghamlet l-ordni tal-laham huwa il-fatt li skont l-istess rapprezentanti tas-socjeta' attrici, meta huma marru

---

[18] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 18 tal-process.
[19] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 102 tal-process.
[20] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 102 tal-process.
[21] Ara x-xhieda ta' Catherine Ciappara a fol. 109 tal-process.
[22] Ara l-invoice a fol. 3 tal-process.
[23] Ara l-invoice a fol. 4 tal-process.
[24] Ara x-xhieda ta' Andrew Galea a fol. 25-26 tal-process.
[25] Ara x-xhieda ta' Charles Ciappara Junior a fol. 102 tal-process.
[26] Ara d-dokument mmarkat Dok CF 1 a fol. 81 tal-process.
[27] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Charles Ciappara Junior a fol. 103 tal-process.

jkellmu lil Charles Ciappara Senior fuq l-invoices fuq imsemmija huwa, *« ...saqsa lit-tifel isma' l-firma fuq dawn l-invoices tieghek u t-tifel wiegeb fil-pozittiv. Jiena dak il-hin meta smajt hekk urejt ruhi offiz pero' Charles Ciappara, l-missier qalli isma' hawn hekk qieghdin biex nirrangaw. Talabni sabiex nistenna fil-fatt sabiex juri l-invoices lil mara tieghu. ... Wara li tkellem ma' martu fil-fatt Charles Ciappara Senior talabni aktar cans ghal hlas. »*[28]

Catherine Ciappara xehdet illi, *« Meta gie Charles Falzon fil-fabbrika taghna, kont prezenti. Jiena kont prezenti. Dan gie jfittex u sab lir-ragel tieghi. Dan qal lil zewgi illi t-tifel tieghi, Charles, kien xtara xi xoghol minghandhom sabiex zewgi jara li dan jithallas minnu. Qal ukoll li jekk ma jithallasx ser igib lill-istess tifel fl-inkwiet. »*[29]

Mill-fatti suesposti huwa car li ordnijiet ta' l-*invoices* in kwistjoni saru minn Charles Ciappara Junior personalment u mhux mis-socjeta konvenuta, u allura huwa hu li huwa obbligat ihallas lis-socjeta attrici. Huwa vera li fuq l-*invoices* hemm il-VAT number tas-socjeta konvenuta, pero dan mhux fatt determinanti, ghax il-fatt li persuna tati VAT number ta' terza persuna, ma jfissirx li r-rabta legali saret ma' terza persuna. Ma ngabet l-ebda prova li Charles Ciappara Junior kellu l-awtorita jorbot lis-socjeta attrici.

Mill-provi jirrizulta illi missier Charles Ciappara Junior – bhal kull missier normali – henn ghat-tifel u ried jghinu mill-inkwiet li dahal fih, u allura qabel li jaghmel tajjeb ghad-dejn ta' ibnu. Pero, kif gie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[30] deciza fid-29 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **Slais Company Limited vs C & K Ciappara & Sons Limited –** li l-fatti specje taghha kienu simili hafna ghal dawk fil-kawza odjerna, ir-raguni tat-talba fir-rikors promotur, *« ... kellha tkun novazzjoni ex parte debitoris (Artikolu 1179(b) tal-Kodici Civili) ...* … » u mhux bejgh ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta.

Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern mill-provi ma jirrizultax li Charles Ciappara Senior rabat lis-socjeta konvenuta biex thallas id-dejn ta' ibnu. Huwa vera li hemm invoice ta' laham iffrizat tas-socjeta konvenuta, li kellha tpaci parti mid-dejn. Pero Charles Ciappara Senior spjega ghaliex huwa uza dik l-invoice tas-socjeta konvenuta, u in vista tal-garbuljati li mill-

---

[28] Ara x-xhieda ta' Charles Falzon a fol. 19 tal-process u l-affidavit ta' Anthony Galea a fol. 36 tal-process.
[29] Ara x-xhieda ta' Catherine Ciappara a fol. 109-110 tal-process.
[30] *Per* Imhallef Anthony Ellul.

provi jirrizulta li kien qed jaghmel dan it-tifel dak iz-zmien, il-Qorti ma tistax fuq bazi ta' probabilita teskludi li dan huwa minnu.

Pero, ma ngabet l-ebda prova li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici mhux korrett.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tillibera s-socjeta' C & K Ciappara Poultry Limited mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tilqa in parte t-talba tas-socjeta' attrici u tordna illi lill-konvenut Charles Ciappara Junior ihallas l-ammont ta' erbat elef tlett mija u hamsa u ghoxrin Euro u sitt centezmi (€ 4325.06) (ekwivalenti ghal elf tminn mija u sitta u hamsin Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (LM 1856.75)) lis-socjeta' attrici, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici, fil-waqt li l-ispejjez tas-socjeta attrici u tal-konvenut Charles Ciappara Junior ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------